MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 51/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**

**Vs**
Keith Pace

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul il-lejl ta' bejn id-29/30 ta' Marzu 2002 gewwa B'Kara :**
**1) ikkommetta serq ta' saqaf tal-canvas mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAF-924 li l-valur taghha jeccedi s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (LM500) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000), liema serq huwa aggravat bil-valur, lok u xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Edwin Vella u Nicholas Ciantar;**

**2) fl-istess data u fil-jiem qabel it-2 t'April, 2002, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom ghad-dannu tal-imsemmija Edwin Vella u Nicholas Ciantar;**
**3) sar ricediv b'sentenzi moghtija fid-29 ta' Lulju, 2000 u fit-28 ta' Novembru, 2000.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 271, 279, 280, 281, 20, 334 u 17 tal-Kap. 9 u in vista tal-ammissjoni sabitu hati tal-istess b'dan pero' li qiset it-tieni akkuza ta' ricettazzjoni bhala wahda alternattiva ghas-serq kif aggravat u kkundannatu ghal sena w nofs piena karcerarja.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla w tirrimetti lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati jew tiddeciedi l-kaz, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-esponent hati tat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni bhala akkuza alternattiva ghas-serq kif aggravat u thassaraha w tirrevokaha fil-bqija w filwaqt illi tillibera lill-esponent mill-akkuzat tar-recidiva tirriforma l-piena inflitta w minflok tinfliggi piena aktar gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravvji tal-appellant huma s-segwenti w cioe' :- Li stante li l-Ewwel Qorti naqset fis-sentenza appellata illi tippronunzja ruha dwar it-tielet imputazzjoni , dik tar-recidiva, billi jew issib htija jew tillibera lill-appellant (art. 377 (1) tal-Kap.9), s-sentenza appellata hija difettuza w nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali w ghalhekk dan jirrendi s-sentenza nulla (Pul. vs. Generoso Sammut, App. Krim. [13.10.2004], App. Nru. 80/04 DS u Pulizja vs. John Farrugia [20.1.2000] ) . Illi fil-mertu l-**

appellant jirrileva li huwa ammetta ghall-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni (it-tieni imputazzjoni) kif del resto jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tas-16 t’ Ottubru, 2002 stante ukoll li l-imputazzjonijiet inghataw b’ mod alternattiv u dan jirrizulta ukoll mill-versjoni moghtija mill-appellant meta gie intervistat mill-Ufficjal tal-Probation (fol. 4 tar-rapport). Illi ladarba hu ma ammettiex l-addebitu tar-recidiva w ladarba ma ngabux provi dwarha ghandu jigi liberat mill-istess imputazzjoni. Illi dwar il-piena l-Ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoini l-ammissjoni bikrija, l-fatt li ebda dannu ma gie rekat lil terzi persuni stante li r-res furtiva giet ritornata lill-proprjetarju qabel gew inizjati l-proceduri, l-fatt li l-valur tar-res furtiva kien wiehed de minimis , circa LM150 u l-eta’ tenera ta’ 21 sena illi kellu l-appellant fiz-zmien tat-twettieq tar-reat . Ghalhekk il-piena karcerarja ma kienetx idonea. Illi l-Ewwel Qorti interpretat b’mod infelici il-kostatazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation fir-rapport taghha u ma jezistux ragunijiet konkreti ghala l-Qorti kellha tiddipartixxi b’ mod hekk drastiku w estrem mir-rakkomandazzjonijiet imsemmija.

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi hu ovvju li l-ewwel irid jigi deciz l-ewwel aggravju tal-appellant , ghaliex jekk dan jigi milqugh ma jkunx hemm lok li jigu decizi l-aggravvji l-ohra. Dan l-aggravju jirrigwarda n-nullita’ tas-sentenza ghax l-Ewwel Qorti ma pprovdietx dwar l-addebitu tar-recidiva. Illi hu jghid li qatt ma kien ammetta r-recidiva w dwar dan l-addebitu ma sarux provi u f’ kull kaz qatt ma seta’ jinstab hati ta’ dan l-addebitu.

**Ikkonsidrat ;**

Illi l-appellant kien gie akkuzat b' citazzjoni b' akkuza ta' serq ta' canvas ta' karozza aggravat bil-valur, billi l-valur taghha jeccedi l-Lm500 izda mhux l-LM1000, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa, b' ricettazzjoni tal-istess u aktar bl-addebitu tar-recidiva.

Fl-24 ta' Mejju, 2002, u fit-28 ta' Gunju, 2002, l-appellant ma deherx u nhareg mandat kontra tieghu fiz-zewg okkazzjonijiet. Meta deher quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel darba fit-18 ta' Settembru, 2002 u sar l-ezami tal-appellant , ma jirrizultax x' wiegeb l-appellant ghall-akkuzi li kien qed jiffaccja, ghax din il-parti tal-formola li hemm a fol. 6 tal-process baqghet ma intlietx. Pero dak in-nhar gie verbalizzat hekk a fol. 11 :-

"Wara li nqrat l-akkuza u l-Qorti semghet lil Dr. Fenech Adami f' isem l-<u>imputat jammetti biss ghat-tieni akkuza ta' ricettazzjoni pero' mhux ghall-ewwel akkuza ta' serq</u> , wara li l-Qorti gibditlu l-attenzjoni li kontra l-istess akkuzat kien hemm akkuza ta' recidiva u nholoq dubju jekk l-istess akkuzat giex notifikat b'dik l-akkuza li kellha l-Qorti, in kwantu fuq l-akkuza ta' l-Ufficjal Prosekutur , li kopja informi taghha giet mghoddija lid-difiza hemm mankanti l-akkuza tar-recidiva , l-akkuzat meta mistoqsi b' liema akkuza gie notifikat wiegeb li hu kien ghaddiha lil Dr. Franco Debono fatt dan li ma kienx jaf bih Dr. Raphael Fenech Adami .
Ghaldaqstant l-Avukat Difensur qed jirrinunzja ghall-patrocinju."
Il-kawza differita ghad-9 t' Ottubru, 2002."

fid-9 t' Ottubru , 2002, l-appellant ma deherx. Meta deher fis-seduta tas-16 t' Ottubru, 2002, Dr. Franco Debono, li kien qed jassistieh, iddikjara li kien gie notifikat bl-akkuza li tinkludi l-akkuza ta' recidiva. Ta l-kunsens tieghu ghall-proceduri sommarji w <u>irregistra ammissjoni fuq (i) u (ii) (Sic !)</u> Wara li l-Qorti tatu zmien , l-appellant zamm ferm l-ammissjoni tieghu u l-Qorti hatret lil Marietta Lanzon biex tirredigi pre-sentencing report (fol.15). Fis-seduta

sussegwenti u cioe' dik tad-29 ta' Novembru, 2002, l-appellant rega' ma deherx u l-Qorti ghar-raba darba ordnat il-hrug ta' mandat kontra tieghu.

Fis-7 ta' Frar, 2003, il-Probation Officer esebiet ir-rapport taghha u l-kawza baqghet differita ghall-ezami tar-rapport u ghat-trattazzjoni ghall-4 t' April, 2003. Saru umbaghad ghadd ta' differimenti jew ghax f' diversi differimenti rega ma deherx l-appellant , jew fuq talba tal-prosekutur jew fuq ordni tal-Qorti w din il-kawza semplici baqghet tkarkar inutilment quddiem l-Ewwel Qorti sas-16 ta' Frar, 2005 , meta fl-ahhar inghatat is-sentenza appellata, fil-prezenza tal-Avukat Dottor Charmaine Cherret, li tassisti lil Dr. Franco Debono, minkejja li l-istess Dr. Debono fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2004, moghti mill-Qorti l-fakolta' li jaghmel nota, minnflok kien iddikjara li qed jirrinunzja ghall-patrocinju.

Illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti osservat li l-appellant kien irregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni akkuza dedotta kontra tieghi u ma kienx ammetta r-recidiva. Meta umbaghad giet ghall-parti dispozittiva tas-sentenza , wara li semmiet l-artikoli tal-ligi li ma jinkludux l-artikolu 49 u 50 tal-Kap.9, qalet li in vista tal-ammissjoni qed issibu hati tal-istess b' dan pero' li tqis it-tieni akkuza ta' ricettazzjoni bhala wahda alternattiva ghas-serq kif aggravat u kkundannatu ghal sena u nofs piena karcerarja.

L-appellant jargumenta li ladarba l-Ewwel Qorti ma pprovdietx dwar ir-recidiva , is-sentenza hija nulla.

Il-Qorti pero trid tosserva li fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuza cioe' dawk ta' serq u ricettazzjoni rispettivament hemm ukoll certu dubju dwar x'hiex l-Ewwel Qorti sabet htija. Di fatti fl-ewwel dehra kien gie verbalizzat li l-appellant kien qed jammetti biss l-akkuza ta' ricettazzjoni u mhux dik ta' serq. F' seduta sussegwenti l-appellant, assistit minn avukat differenti, ddikjara li qed jirregistra ammissjoni fuq (1) u (2) (Sic.) meta kien ovvju li dan ma kienx possibbli li jsir ghax dawn iz-zewg imputazzjonijiet kienu alternattivi ghal xulxin u seta' biss ghalhekk

jammetti jew wahda jew l-ohra u mhux it-tnejn f' daqqa. Meta umbaghad giet ghas-sentenza, l-Ewwel Qorti bla ma semghet ebda provi , hlief rapport tal-Probation Officer, iddeciediet li "in vista tal-ammissjoni qed issibu hati tal-istess" (bla ma specifikat jekk hux tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni jew tat-tnejn), u ziedet tghid : "b'dan pero' li tqis it-tieni akkuza ta' ricettazzjoni bhala wahda alternattiva ghas-serq kif aggravat" (izda hawn ukoll bla ma qalet hux l-akkuza tas-serq kienet l-alternattiva ghall-akkuza ta' ricettazzjoni jew viceversa) u dan meta kien hemm dubju in vista tal-verbali konfliggenti fuq imsemmija, dwar liema miz-zewg akkuzi li l-appellant kien ammetta, kienet qed issib htija . Inoltre ghalkemm qalet ukoll li l-appellant ma kienx ammetta r-recidiva, imkien fis-sentenza appellata ma pprovdiet "ut sic" jekk kienet jew ma kienetx qed issibu hati ta' recidiva, ghalkemm mill-fatt li ma ccitatax l-artikoli rilevanti 49 u 50 tal-Kap.9, wiehed jista' jifhem li x' aktarx li ma sabitux hati tar-recidiva.

Illi l-Qorti tifhem u taghder lill-Ewwel Qorti, meta, wara hafna dilungar u differimenti inutili principalment provokati minn-nuqqas ta' dehra tal-appellant u anki xi tattici difensjonali, riedet tikkonkludi l-proceduri quddiemha w , wara li tat il-fakolta' lill-partijiet li jaghmlu noti,  halliet il-kawza ghas-sentenza, pero' in vista tal-fatt li ma kienx hemm ammissjoni dwar l-addebitu tar-recidiva w kien hemm certu dubju dwar liema mill-ewwel zewg akkuzi l-appellant kien ammetta, jidher li kien il-kaz li l-Ewwel Qortiu kellha tisma l-provi tal-prosekuzzjoni biex tiddeciedi jekk il-kaz kienx wiehed ta'serq jew ta' ricettazzjoni kif ukoll tisma' l-provi dwar ir-recidiva, Il-Prosekuzzjoni naqset li tinsiti ghal dan , kif kellha dmir baziku li taghmel fic-cirkostanzi w dan seta' forsi induca lil-Ewwel Qorti li setghet tipprocedi ghas-sentenza cio'nonostante.

Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi , l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu

hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati , jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza . (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**"[26.11.1960]; **"Il-Pulizija vs. Frans Portelli"** [3.2.1992] ; **"Il-Pulizija vs. Piju Gafa' "** [18.4.1959] **; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut"** [13.10.2004] u ohrajn.)

Veru li gie ritenut ukoll fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit**" li [16.1.1986] meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat , il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija .

Ghalhekk in vista tad-diffikultajiet fuq ravvizati kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll minn din il-Qorti "ex officio" , din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata u stante li jista' jaghti l-kaz li jkun hemm bzonn li jinstemghu il-provi ghall-ewwel darba kemm dwar l-akkuza ta' serq li issa l-appellant qed jghid li ma gietx ammessa minnu , kif ukoll dwar ir-recidiva li hu qatt ma ammetta, w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, qed terga tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex, wara li taghmel dak li thoss li ghandu jsir in vista tal-kontestazzjoni tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni u dwar l-addebitu tar-recidiva , okkorrendo billi tghaddi biex tisma' l-provi dwar l-istess, tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq dak li jirrizultalha b' mod li tghid espressament ta' x'hiex qed issib htija w ta' x'hiex mhux qed issib htija w, f' kaz li tirritjeni li xi akkuza hija alternattiva ghal xi akkuza ohra li tahtha tkun instabet htija, tiddikjara li qed tastjeni ruha milli tippronunzja ruha dwar dik l-akkuza l-ohra alternattiva.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------